**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 4 ta' April, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Mustafa Ozturk, detentur tal-permess ta' residenza numru 109798A**

*Kumpilazzjoni Nru. 111//2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mustafa Ozturk** u ċioe` talli:

1. Nhar is-26 ta' Frar, 2022 għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta filgħodu (05:45hrs) ġewwa Triq Clarence, fl-Imsida u f'dawn il-Gżejjer, volontarjament taha n-nar lill-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni ACS546, waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna ġewwa u filwaqt illi n-nar kien qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa għad-detriment ta' Oguzhan Karadol u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

2. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f' artikolu 533 *et sequitor* tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ċioe' Oguzhan Karadol mill-Msida jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà ta' l-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-4 ta' Marzu, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati ghall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi sa mill-bidu tal-arrest tiegħu, tal-fatt li dan l-għemil kien *out of character,* tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi ghal żmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' €258.60 rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Inoltre ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' erbatax il-elf Ewro (€14,000[1]) lil Oguzhan Karadol fi żmien sentejn millum, b'rati mensili, sakemm is-socjeta assikuratrici ma thallasx hi lill-parte civile u dan skont il-polza mahruga f'ismu.

Tali ordni tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u Oguzhan Karadol.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat favur ta' Oguzhan Karadol ghal żmien tlett snin millum.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem ta' xogħol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[1] Vide Relazzjoni **Dok.MM**